Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2211

2.10.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2211

tal-1 ta' Ottubru 2026

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/165 fir-rigward tal-istandards armonizzati għas-sistemi ta' refriġerazzjoni u għall-pompi tas-sħana, għat-tagħmir tal-LPG, għar-reċipjenti krijoġeniċi, u għall-iwweldjar u għall-ibbrejżjar, abbozzata b'appoġġ tad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-apparat jew l-assemblaġġi ta' pressjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) ta' dik id-Direttiva, li huma konformi mal-istandards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jiġu preżunti konformi mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, koperti minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom.

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2024) 1241 ([3]), il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN, European Committee for Standardization) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) għall-abbozzar ta' standards armonizzati ġodda, għar-reviżjoni tal-istandards armonizzati eżistenti u għat-tlestija tal-ħidma fuq l-abbozzi tal-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/68/UE.

(3) Abbażi ta' dik it-talba, CEN irreveda u emenda l-istandards armonizzati li ġejjin: EN 10253-2:2021 dwar fittings tal-pajpijiet tal-iwweldjar tarf ma' tarf. Dan irriżulta fl-istandard emendatorju li ġej: EN 10253-2:2021+A1:2025. Is-CEN irreveda u emenda wkoll l-istandard li ġej: EN 12392: 2016 + A1: 2022 dwar prodotti tal-aluminju maħdum u fondut. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard emendatorju EN 12392:2025. Barra minn hekk, is-CEN irreveda u emenda l-istandards EN 12953-2:2012, EN 12953-6:2011 u EN 12953-9:2007 dwar ix-shell boilers. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards emendatorji EN 12953-2:2025, EN 12953-6:2024 u EN 12953-9:2024. Is-CEN irreveda u emenda wkoll l-istandard li ġej: EN 13134:2000 dwar l-ibbrejżjar. Dan irriżulta fl-istandard emendatorju li ġej: EN ISO 17779:2025. Is-CEN irreveda u emenda wkoll l-istandard EN 13136:2013+A1:2018 dwar is-sistemi ta' refriġerazzjoni u l-pompi tas-sħana, li rriżulta fl-adozzjoni tal-istandard emendatorju EN ISO 24664:2024. Is-CEN irreveda u emenda wkoll l-istandard li ġej: EN ISO 13585:2012 dwar l-ibbrejżjar. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard emendatorju li ġej: EN ISO 13585:2024. Is-CEN irreveda u emenda wkoll l-istandard li ġej: EN 14129:2014. Dan irriżulta fl-istandard emendatorju EN 14129:2024 dwar it-tagħmir u l-aċċessorji tal-LPG. Is-CEN irreveda u emenda wkoll l-istandard li ġej: EN 14222:2021. Dan irriżulta fl-istandard emendatorju EN

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj.

([2]) Id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 164, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/68/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2024) 1241 final tal-1 ta' Marzu 2024 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika rigward l-apparat u l-assemblaġġi ta' pressjoni b'appoġġ għad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

14222:2021+A1:2025 dwar il-bojlers tal-istim tal-azzar inossidabbli. Is-CEN irreveda u emenda EN 14585-1:2006 għall-assemblaġġi korrugati ta' manki tal-metall. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard emendatorju EN 14585:2024. Is-CEN irreveda u emenda l-istandard li ġej: EN 14917:2021 dwar il-ġonot għall-espansjoni tal-imniefaħ tal-metall. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard emendatorju EN 14917:2021+A1:2026. Is-CEN emenda wkoll EN ISO 15493:2003/A1:2017. Dan irriżulta fl-istandard emendatorju EN 15493:2003/A11:2025. Is-CEN irreveda u emenda wkoll l-istandard li ġej: EN ISO 15613:2004. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard emendatorju EN ISO 15613:2025. Is-CEN irreveda u emenda EN ISO 15614-5:2004 dwar il-proċeduri tal-iwweldjar. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard emendatorju li ġej: EN ISO 15614-5:2024. Is-CEN irreveda u emenda wkoll l-istandard li ġej: EN ISO 15614-11:2002 dwar il-proċeduri tal-iwweldjar. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard emendatorju EN ISO 15614-11:2025. Is-CEN irreveda u emenda l-istandard EN ISO 21009-2:2015 dwar ir-reċipjenti krijoġeniċi. Dan irriżulta fl-istandard emendatorju EN ISO 21009-2:2024. Is-CEN emenda l-istandard EN 21922:2021 dwar is-sistemi ta' refriġerazzjoni u l-pompi tas-sħana, li rriżulta fl-istandard emendatorju EN ISO 21922:2021/A1:2024. Is-CEN lesta l-istandard EN 14071:2024 dwar it-tagħmir tal-LPG. Fl-aħħar nett, is-CEN lesta l-istandard EN ISO 14732:2025 dwar il-persunal tal-iwweldjar.

(4) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN, ivvalutat jekk dawk l-istandards dwar l-apparat ta' pressjoni kif abbozzati, emendati jew riveduti mis-CEN, jikkonformawx mat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2024) 1241.

(5) L-istandards armonizzati li ġejjin jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru, u li huma stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2014/68/UE: EN 10253-2:2021+A1:2025, EN 12392:2025, EN 12953-2:2025, EN 12953-9:2024, EN ISO 17779:2025, EN ISO 24664:2024, EN ISO 13585:2024, EN 14129:2024, EN 14222:2021+A1:2025, EN 14585:2024, EN 14917:2021+A1:2026, EN ISO 15493:2003/A11:2025, EN ISO 15613:2025, EN ISO 15614-5:2024, EN ISO 15614-11:2025, EN ISO 21009-2:2024, EN ISO 21922:2021/A1:2024, EN 14071:2024, EN ISO 14732:2025. Għalhekk, jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummssjoni (UE) 2025/165 ([4]) jipprovdi r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni tal-konformità mad-Direttiva 2014/68/UE. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/68/UE jkunu elenkati f'att wieħed, jenħtieġ li r-referenzi tal-istandards armonizzati EN 10253-2:2021+A1:2025, EN 12392:2025, EN 12953-2:2025, EN 12953-6:2024, EN 12953-9:2024, EN ISO 17779:2025, EN ISO 24664:2024, EN ISO 13585:2024, EN 14129:2024, EN 14222:2021+A1:2025, EN 14585:2024, EN 14917:2021+A1:2026, EN ISO 15493:2003/A11:2025, EN ISO 15613:2025, EN ISO 15614-5:2024, EN ISO 15614-11:2025, EN ISO 21009-2:2024, EN ISO 21922:2021/A1:2024, EN 14071:2024, EN ISO 14732:2025 jiġu inklużi f'dak l-Anness.

(7) Jeħtieġ li jiġu rtirati mis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* r-referenzi tal-istandards armonizzati EN 10253-2:2021, EN 12392:2016+A1:2022, EN 12953-2:2012, EN 12953-6:2011, EN 12953-9:2007, EN 13134:2000, EN 13136:2013+A1:2018, EN ISO 13585:2012, EN 14129:2014, EN 14222:2021, EN 14585-1:2006, EN 14917:2021, EN ISO 15493:2003 flimkien ma' kwalunkwe referenza għal standards emendatorji jew ta' korrezzjoni tagħhom, EN ISO 15613:2004, EN ISO 15614-5:2004, EN ISO 15614-11:2002, EN ISO 21009-2:2015, EN ISO 21922:2021 flimkien ma' kwalunkwe referenza għal standards emendatorji jew ta' korrezzjoni tagħhom, peress li dawn ġew riveduti. Għalhekk, jixraq li dawn ir-referenzi jitħassru mill-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/165.

(8) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw il-prodotti tagħhom għall-verżjonijiet riveduti tal-istandards armonizzati EN 10253-2:2021, EN 12392:2016+A1:2022, EN 12953-2:2012, EN 12953-6:2011, EN 12953-9:2007, EN 13134:2000, EN 13136:2013+A1:2018, EN ISO 13585:2012, EN 14129:2014, EN 14222:2021, EN 14585-1:2006, EN 14917:2021, EN ISO 15493:2003, EN ISO 15613:2004, EN ISO 15614-5:2004, EN ISO 15614-11:2002, EN ISO 21009-2:2015 u EN ISO 21922:2021, huwa neċessarju li l-irtirar tar-referenzi ta' dawk l-istandards jiġi differit.

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/165 tat-30 ta' Jannar 2025 dwar l-istandards armonizzati għall-apparat ta' pressjoni abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/165, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/165/oj).

(9) L-istandard armonizzat EN 12953-6:2024 dwar ir-rekwiżiti għat-tagħmir tekniku tax-shell boilers jissodisfa diversi rekwiżiti li għandu l-għan li jkopri, iżda fih nuqqasijiet tekniċi fir-rigward tar-rekwiżiti għall-metodu tat-tħaddim tal-apparat tal-pressjoni, il-qbiż tal-limiti permissibbli, id-disinn u l-kostruzzjoni tal-aċċessorji tas-sikurezza u l-protezzjoni mir-riskju ta' tisħin żejjed. Għalhekk jixraq li r-referenza ta' dan l-istandard tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni korrispondenti.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/165 tiġi emendata kif xieraq.

(11) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' dak l-istandard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/165 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt 1 tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu japplika mit-2 ta' April 2028.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/165 huwa emendat kif ġej:

(1) Ir-ringieli 69, 82, 109, 113, 116, 122, 123, 146, 155, 159, 166, 167, 169, 171, 175, 179, 190 u 195 jitħassru;

(2) jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin f'ordni sekwenzjali:

"69a.	EN 10253-2:2021+A1:2025 Fittings tal-pajpijiet tal-iwweldjar tarf ma' tarf - Parti 2: Azzar mhux illigat u azzar illigat ferritiku b'rekwiżiti speċifiċi ta' spezzjoni"
"82a.	EN 12392:2025 Aluminju u ligi tal-aluminju – Prodotti maħdumin bħall-ferrobattut u prodotti fonduti – Rekwiżiti speċjali maħsubin għal produzzjoni ta' apparat ta' pressjoni
"109a.	EN 12953-2:2025 Shell boilers - Parti 2: Materjali għall-partijiet taħt pressjoni ta' bojlers u aċċessorji
"113a.	EN 12953-6:2024 Shell boilers - Parti 6: Rekwiżiti għal tagħmir għall-bojler
	Restrizzjoni: Il-konformità mal-paragrafi 5.1.6 u 5.3.1 ta EN 12953-6:2024 kif ukoll mal-Anness F tiegħu ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbilit fil-punt 2.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2014/68/UE. Il-konformità mal-Anness F u mal-paragrafu 5.6.1.1 ta' EN 12953-6:2024 ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbilit fil-punt 2.10 tal-Anness I tad-Direttiva 2014/68/UE. Il-konformità mal-paragrafu 5.6.1.1 ta' EN 12953-6:2024 ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbilit fil-punt 2.11.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2014/68/UE. Il-konformità mal-paragrafu 5.6.1.1 ta' EN 12953-6:2024 ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbilit fil-punt 5, it-tieni paragrafu, il-punt a, tal-Anness I tad-Direttiva 2014/68/UE."
"116a.	EN 12953-9:2024 Shell boilers - Parti 9: Rekwiżiti għal apparati b'funzjoni limitattiva għall-bojler u aċċessorji"
"122a.	EN ISO 17779:2025 Ibbrejżjar - Speċifikazzjoni u kwalifikazzjoni tal-proċeduri ta' bbrejżjar għall-materjali metalliċi (ISO 17779:2021)"
"123a.	EN ISO 24664:2024 Sistemi ta' refriġerazzjoni u pompi tas-sħana - Mekkaniżmi għat-tnaqqis tal-pressjoni u l-pajpijiet assoċjati magħhom - Metodi għall-kalkolu (ISO 24664:2024)"
"146a.	EN ISO 13585:2024 Ibbreżjar - Test tal-kwalifikazzjoni għal min jibbreżja u għall-operaturi tal-ibbreżjar (ISO 13585:2021)"
"155a.	EN 14129:2024 Tagħmir u aċċessorji għal LPG – Valvi li jtaffu l-pressjoni għal reċipjenti taħt pressjoni tal-LPG"
"159a.	EN 14222:2021+A1:2025 Bojlers tal-istim tal-azzar inossidabbli"
"166a.	EN 14585:2024 Assemblaġġi korrugati ta' manki tal-metall għal applikazzjonijiet ta' pressjoni"
"167a.	EN 14917:2021+A1:2026 Ġonot għall-espansjoni tal-imniefaħ tal-metall għal applikazzjonijiet ta' pressjoni"

“169a.	EN ISO 15493:2003 Sistemi ta’ pajpijiet tal-plastik għal applikazzjonijiet industrijali - Akrilonitril-butadien-stiren (ABS), klorur tal-polivinil mhux plastiċizzat (PVC-U) u klorur tal-polivinil klorurat (PVC-C) - Speċifikazzjonijiet għal komponenti u għas-sistema - Serje metrika (ISO 15493:2003) EN ISO 15493:2003/A1:2017 EN ISO 15493:2003/A11:2025”
“171a.	EN ISO 15613:2025 Speċifikazzjoni u kwalifikazzjoni tal-proċeduri tal-iwweldjar għall-materjali metalliċi - Kwalifikazzjoni bbażata fuq test tal-iwweldjar qabel il-produzzjoni (ISO 15613:2025)”
“175a.	EN ISO 15614-5:2024 Speċifikazzjoni u kwalifikazzjoni tal-proċeduri tal-iwweldjar għall-materjali metalliċi - Test tal-proċedura tal-iwweldjar - Parti 5: Iwweldjar bl-ark ta’ titanju, żirkonju u ligi tagħhom (ISO 15614-5:2024)”
“179a.	EN ISO 15614-11:2025 Speċifikazzjoni u kwalifikazzjoni tal-proċeduri tal-iwweldjar għall-materjali metalliċi - Test tal-proċedura tal-iwweldjar - Parti 11: Iwweldjar bir-raġġ tal-elettroni u tal-laser (ISO 15614-11:2025)”
“190a.	EN ISO 21009-2:2024 Reċipjenti krijoġeniċi - Reċipjenti insulati statiċi li fihom vakwu - Parti 2: Rekwiżiti operazzjonali (ISO 21009-2:2024)”
“195a.	EN ISO 21922:2021 Sistemi ta’ refriġerazzjoni u pompi tas-sħana - Valvi - Rekwiżiti, ittestjar u mmarkar (ISO 21922:2021) EN ISO 21922:2021/A1:2024”

(3) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

“204.	EN 14071:2024 Tagħmir u aċċessorji tal-LPG - Valvi għall-ħruġ ta’ pressjoni żejda għal reċipjenti taħt pressjoni tal-LPG - Tagħmir anċillari”
“205.	EN ISO 14732:2025 Persunal tal-iwweldjar - Ittestjar tal-kwalifiki tal-operaturi tal-iwweldjar u tal-weld setters għall-iwweldjar mekkanizzat u awtomatiku tal-materjali metalliċi (ISO 14732:2025)”